**L-ISPEAKER TAL-PARLAMENT JILTAQA' MA' DELEGAZZJONI TAS-SENAT TAR-REPUBBLIKA ĊEKA**

F'laqgħa li l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Dr Louis Galea kellu ma' delegazzjoni tas-Senat Ċek, iż-żewġ naħat tkellmu dwar il-ħidma ġdida tal-Parlamenti Nazzjonali fl-iskrutinju tal-proposti tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar it-tkabbir tal-Unjoni lejn il-Balkani u l-importanza ta' aktar ħidma favur il-paċi u s-sigurta' fir-reġjun tal-Mediterran.

Id-delegazzjoni Ċeka kienet immexxija mic-Chairman tal-Kumitat tal-Affarijiet Ewropej, is-Senatur Luděk Sefzig.

Id-delegazzjoni Ċeka ser tiltaqa' wkoll mal-Kumitat tal-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Parlament Malti llejla.

**DOI – 30.09.2009**